**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 11.10.09: FESTA TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA KATIDRALI TA' GĦAWDEX.**
Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies tkun għar-restawri tal-knisja.

## GIMGHA TAL-PARROCCA

**IT-TNEJN, 12-10.09: Fit-8.30a.m.** se ssir **LAQGĦA TA' TALB GĦAN-NISA** kollha. Din tkun fil-knisja
**IT-TLIETA, 13.10.09: Fis-7.30p.m.** jibdew il-laqgħat tal-Lectio Divina. Riflessjonijiet fuq il-kelma ta' Alla. Il-laqgħa tkun fid-Dar Parrokkjali.
**L-ERBGĦA, 14.10.09: Fis-7.30p.m. LAQGĦA** għal dawk kollha li jagħtu xi servizzi fil-knisja: Letturi, Animaturi, Kant, Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, Tindif tal-knisja ecc.
**IL-ĦAMIS, 15.10.09** : Illum isir il-**FTUĦ TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU DJOĊESAN** fil-parroċċa tagħna.
Għalhekk, illum se jkun hawn l-Adorazzjoni mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mit-3.00p.m. 'l quddiem.
Illum tiġi ċċelebrata l-quddiesa ta' l-Ewkaristija.
**NOTA:** Fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku u tas-Sena dedikata lis-Saċerdoti matul din is-sena kull nhar ta' Ħamis ikun hawn l-Adorazzjoni fis-skiet bejn bejn is-6.00a.m. u it-8.00a.m. Nitolbu għall-qdusija tas-saċerdoti.
Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda.
**Fit-3.30p.m.** se ssir ĦARĠA għall-ANZJANI. Ix-xarabank tgħaddi mit-toroq Pjazza tal-Knisja, Triq Cenc u Main.
**Fis-7.00p.m.** quddiesa ta' l-Ewkaristija.
Nistieden lil kulħadd biex jieħu sehem kemm fil-quddiesa u anke fl-Adorazzjoni li jkun hawn matul il-ġurnata.

**IL-ĠIMGĦA, 16.10.09: Fis-7.30p.m. LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI** li uliedhom din is-sena se jirċievu s-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqrabina u l-Griżma ta' l-Isqof. F'din il-laqgħa timtela wkoll id-dikjarazzjoni tal-Ġenituri. Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
**Fis-7.30p.m.** Reċita tar-Rużarju fiz-zona ta' Saguna bejn Triq it-Tin u Triq l-Ikxbiex.
**IS-SIBT, 17.10.09: fil-10.30a.m.** quddiesa għat-tfal kollha u wara nagħtuhom xi refreshments.
**IL-ĦADD, 18.10.09: GURNATA MISSJUNARJA**
Il-ġbir li jsir fil-knisja u fit-toroq se jkun kollu għall-Missjoni.
Il-ġbir ta' l-envelopes fit-toroq se jsir is-Sibt 17 ta' Ottubru.
**FIL-10.30a.m.** Quddiesa li fiha l-Komunita' Parrokkjali tifraħ ma' wieħed minn uliedha - **WENZU BUTTIGIEG** fl-okkażjoni ta' għeluq il-**100 sena** minn twelidu.
Il-komunita' parrokkjali tifraħlu u titlob fuqu saħħa u barka mis-sema.

**KORSIJIET TAT-TIELET ETA'**
L-Uffiċċju ta' l-Anzjani li ser jibdew il-Korsijiet ta' l-Universita' tat-Tielet Eta', nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru, fiċ-Centru ta' matul il-jum għal-Anzjani, Għajnsielem. Informazzjoni u applikazzjoni mill-Ufiċċju ta' l-Anzjani Pjazza San Franġisk Victoria., jew mill-Kunsill Lokali.

**LAQGĦAT TA' L-ADOLEXXENTI BNIET**
Infakkar li l-laqgħat tal-Forms 4 u 5 bniet qed ikunu nhar ta' Tlieta fis-7.30p.m. u tal-Forms 2 u 3 qed ikun nhart Erbgħa fis-7.00p.m. Inħeġġeġ lill-Adolexxenti bniet biex jattendu għal din in-nofs siegħa tagħlim fil-ġimgħa.

**HIGH TEA** Il-High Tea organizzat mill-parroċċa se jsir nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru fis-7.30p.m.